StudentBounty.com

ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2013**

Rotta 1

## IT-TIELET SENA IL-MALTI IL-ĦIN: Sagħtejn

**L-Isem :** ________________________ **Il-Klassi :** ___________________

**L-ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a.
2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**L-ISKEMA TAL-MARKI**

| Il-Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Il-Marki | 12 | 28 | 6 | 24 | 30 | 100 |
| Il-Marki tal-istudent/a | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## A. Silta għall-qari (12-il marka)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

# Il-Ġebla tal-Ġeneral



F'Għawdex jinstabu diversi postijiet ta' importanza naturali, mimlija b'numru ta' speċi ta' flora u fawna, li flimkien mal-ambjent tagħhom, joħolqu biodiversità interessanti. Fost dawn insibu l-Ġebla tal-Ġeneral, jew kif inhi wkoll magħrufa, Ħaġret il-Ġeneral. *(par. 1)*

Il-Ġebla tal-Ġeneral x'aktarx li ġiet iffurmata bħala gżira meta waqgħet parti kbira tal-art. Matul żminijiet twal, l-ilma kien ifforma għar kbir ċirkolari taħt l-art. Wara bosta snin is-saqaf tagħha ċeda. *(par. 2)*

Fuq din il-gżira jinstab l-Għerq Sinjur. Dan jinstab ukoll fl-irdumijiet ta' Ħad-Dingli u fis-sisien faċċata tal-Ġebla tal-Ġeneral. Din il-pjanta hija parassitali għaliex tgħix fuq l-għeruq ta' arbuxelli mlaħħmin li jikbru qrib il-baħar, bħalma jikber il-budebbus fuq l-għeruq tal-ful fir-raba'. *(par. 3)*

Minħabba l-għamla stramba tagħha, għall-bidu kienu jaħsbuha xi fungu. Għalhekk bl-Ingliż l-iskoll jissejjaħ *Fungus Rock*. Iżda fil-fatt din hija pjanta li twarrad. *(par. 4)*

(addattament minn kitba ta' Joe Sultana li dehret f'*Il-Ħajja f'Għawdex* ta' Novembru 2011)

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha: (3)

i. F'din is-silta naqraw li f'Għawdex wieħed isib postijiet ta' importanza (storika, turistika, naturali).

ii. Il-Ġebla tal-Ġeneral tinstab (Malta, Kemmuna, Għawdex).

iii. Il-Ġebla tal-Ġeneral hi (gżira, għar, bajja).

2. Mis-silta sib u ikteb il-kelma li jonqos: (3)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

i. Il-Ġebla tal-Ġeneral saret g________ meta waqgħet parti kbira tal-art.

ii. Matul iż-żminijiet, l-ilma fforma għar kbir ċ____________ taħt l-art.

iii. L-Għerq Sinjur jinstab ukoll fl-i________________ ta' Ħad-Dingli.

3. Wieġeb il-mistoqsijiet: (6)

i. Għaliex l-Għerq Sinjur hu parassitali?

______________________________________________

ii. Għaliex din il-pjanta kienu jaħsbuha xi fungu?

______________________________________________

iii. Minbarra l-Ġebla tal-Ġeneral, din il-gżira għandha żewġ ismijiet oħra. Liema huma?

______________________________________________

## B. Lingwa (28 marka)

1. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B bħal fl-eżempju: (6)

| **Kolonna A** | | **Kolonna B** | |
|---|---|---|---|
| 1 | Ix-xemx | | weqfin għalxejn. |
| 2 | Ġej bit-tiela' u n- | | wieqaf u dritt. |
| 3 | Mario u Stephania | **1** | nieżla bil-mod. |
| 4 | Il-Ġgantija fiha bosta ġebel | | reqdin fl-art. |
| 5 | Anna tħobb iżżomm lilha nnifisha | | nieżel dalgħodu. |
| 6 | L-istudenti poġġew bilqiegħda u ma baqgħux | | neżlin Għawdex. |
| 7 | Tant xebgħu jisimgħu li spiċċaw | | wieqfa u pulita. |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

2. Kompli dawn is-sentenzi billi tagħmel sing taħt il-kelma t-tajba, bħal fl-eżempju: (

i. Meta l-flixkun ikun (<u>miksur</u>, miksura, miksurin) l-ilma jintilef.

ii. Kaxxa (magħluq, magħluqa, magħluqin) meta tinfetaħ tkun taf x'fiha.

iii. Fir-raħal ġiet (imwaqqaf, imwaqqfa, imwaqqfin) banda ġdida.

iv. L-Għawdxin huma (magħruf, magħrufa, magħrufin) għall-għaqal.

v. Lil Mandy ma jaħmilha ħadd għax (miġġieled, miġġielda, miġġildin) ma' kulħadd.

vi. Joseph il-kontra, hu (maħbub, maħbuba, maħbubin) minn kulħadd.

vii. Iż-żiemel Brady hu l-(favorit, favorita, favoriti) tal-Marsa.

viii. Is-sentenzi jiġu (deċiż, deċiża, deċiżi) l-Qorti.

ix. Il-manuskritti ta' De Soldanis kienu (esebit, esebita, esebiti) fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex.

3. Biddel in-numri fi kliem mill-kaxxa, bħal fl-eżempju. (6)

i. Malta għandha medja ta' (8) <u>tmien</u> sigħat xemx kuljum.

ii. Lawrence ġie r-(4) _____________ wieħed.

iii. Paola għandha (4) _____________ itfal.

iv. Anna xtrat (4) _____________ pari żraben.

v. Mark sellef (3) ____________ ewro lill-ħabib tiegħu.

vi. Il-film se jibda fit-(3.00) ____________ ta' waranofsinhar.

vii. Mario jrabbi tant għasafar, fosthom (3) ____________ ivrieden.

| erba', **tmien**, tlett, erbat, tlieta, raba', tliet |
|---|



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

4. Imla l-vojt ta' din l-istorja bil-kliem mill-kaxxa, bħal fl-eżempju.

Kien hemm daqsxejn **<u>ta'</u>** ġurdien li ħareġ jagħmel passiġġata _______nofsinhar. _____ triq iltaqa' _____ serduq li, kif rah daqshekk imlewwen u _____ munqar, ħarab jiġri minnu. _____ siegħa u l-ħin iltaqa' ma' qattus. Xi ġmiel ta' kowt kellu! _____ wasal id-dar qal _____ ommu b'dak _____ ra.

| bil-, **ta'**, lil, wara, ma', li, Fit-, Fis-, Kif |
|---|

| Ċ. Malti Prattiku | (6 marki) |
|---|---|

Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-kaxxa t'isfel ħalli tkompli dan ir-reklam li deher f'gazzetta lokali:

# GĦALL-BEJGĦ

_______________ fi kwalunkwe _______________, bħal gradenzi, gwardarobbi, sufani, _______________, siġġijiet, linef, armi, arloġġi, vażuni, kotba, muniti, ġugarelli u kull xorta ta' _______________ oħra. Il-_______________ huma eċċellenti. Min huwa interessat għandu jċempel 23456788 wara l-5 ta' filgħaxija u jistaqsi għal Marco Borg jew _______________ 598, Triq il-Ġebel Wieqaf, Mosta.



| pultruni, Antikità, jirrikorri, affarijiet, prezzijiet, kundizzjoni |
|---|



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## D. Letteratura (24 mar

**1. Poeżija : *Nadriet 3*** **(12-il marka)**

# Silta minn ***Arizona,*** ta' Achille Mizzi

Jiena d-deżert għatxan tal-Arizona.



Binhar ħuġġieġa ta' nirien imdendla
Fuq baħħ etern.
Ramel mikwi jinkalja
Igerref u jingiref.

...........

Billejl ħolma ta' serħ u poeżija.
Il-ward tal-kaktus jitla' f'għaxwa ħamra.
Iz-zkuk bajdana
B'dirgħajhom imberrħin jinbidlu f'arpi
Tal-fewġa ħelwa.

Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha:

i. Il-poeta qiegħed jgħid li hu (baħar, deżert, muntanja).

ii. Il-ħuġġieġa ta' nirien ta' binhar hi x-(xita, xampanja, xemx).

iii. Ir-ramel qiegħed (jinkalja, jitfarfar, jitfarrak).

iv. Billejl l-atmosfera tad-deżert (tibqa' l-istess, tinbidel, ma tinbidilx).

v. Minbarra x-xewk, il-kaktus ikollu wkoll (il-frott, il-weraq, il-ward).

vi. Il-fewġa ħelwa tfisser (żiffa friska, maltempata, riefnu).



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**2. Proża : *Stejjer taċ-Ċarrut*** **(6 m**

Imla l-vojt bil-kliem mill-kaxxa t'isfel ħalli tkompli l-istorja dwar Luca.



Illum għeluq __________Luca. Bħal-lum sena, Alla jaħfirlu, kien magħna. Konna ħadnielu ktieb fuq l-____________, iżda kulma seta' jagħmel kien li jħoss il-__________ bejn idejh. Mill-bqija xejn. L-istampi kienu hemm għalxejn.

.........

Luca għex aktar minn sena. Kellu *brain-damage*. Anke qabel l-____________ kien iħobb joqgħod jara u jħoss l-affarijiet kif inhuma. Dejjem kien jiġri wara d- ____________ tiegħu. Hawnhekk kien l-hena tiegħu għax id-dawl tal-____________ jinsab 'il bogħod.

| |
|---|
| elettriku, inċident, dellijiet, għasafar, snin, paġni |

**3. Proża : *Jinqabad bid-Drogi*** **(6 marki)**

Agħmel sing taħt it-tweġiba t-tajba:

i. Ċinzja lanqas kien għad kellha (15-il, 16-il, 17-il) sena meta kienet diġà telqet mid-dar.

ii. Helen hi mara li (siefret, sofriet, gawdiet) ħafna.

iii. Simon ir-Raggae u Martin huma żewġ aħwa li mietu (bid-droga, b'inċident tat-traffiku, bil-maltemp li ħakem il-gżejjer).



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

| E. Kitba ta' sentenzi / paragrafi | (30 mark |
|---|---|

1. Qiegħed in-numri minn 2 sa 6 ħdejn il-paragrafi ħalli tkompli l-artiklu li deher f'rivista lokali. (10)

| | |
|---|---|
| Imma oħrajn, irqaq, ikunu mexjin ferħanin tnejn tnejn, jitkellmu, jidħku u jiddiskutu. | |
| Meta jaqbeż nofs Mejju u tinzerta għaddej minn Ta' Qali tara purċissjonijiet ta' nies għaddejjin jippassiġġaw b'pass mgħaġġel. | **1** |
| Xi wħud ikunu għajjenin. Lil dawn tarahom għarqanin xraba, xofftejhom t'isfel imdendla bil-għejja. | |
| Dawk li jkollhom piż żejjed kif ukoll dawk li jkunu irqaq wisq ikollhom f'moħħhom li jfittxu jaslu f'darhom ħalli jixorbu xi xarba friska u jistrieħu. Dak eżerċizzju! | |
| L-aktar għajjenin ikunu dawk li jkollhom piż żejjed. | |
| Lil dawn in-nies tarahom min sejjer lil hemm, min ġej lil hawn. | |

**U**

2. Ikteb madwar **150** kelma dwar **wieħed** minn dawn fuq karta separata. Il-kliem fil-parentesi jista' jgħinek: (20)

   a) **Il-ġurnata tas-Sibt.** (inqum tard; nagħmel il-*homework*; ngħin lil ommi/missieri; nara t-televixin; nilgħab bil-*playstation*; immur nimxi; immur għand in-nanniet; norqod tard)

   ***Jew***

   b) **Għaliex inħobb is-sajf.** (ikolli l-vaganzi, nistrieħ, niddeverti ma' ħbiebi, immur il-baħar, immur xi passiġġata, indum ma norqod, insiefer)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers